MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 683/2007

**Raphael Aloisio**
**(ID-43064-M) personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Civili Deloitte & Touche**

**Vs**

**Bond street Limited**
**(C-31273)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta` Settembru, 2007, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur proprio et nomine s-somma ta' elfejn, erba` mija u tlieta u sebghin euro, sitta u hamsin centezmu (Euro2,473.56c), rapprezentanti valur ta` servizzi professjonali rezi skond kif jirrizulta minn diversi fatturi annessi ma` l-avviz immarkati Dok. A sa D.

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta` l-ittra ufficcjali annessa u mmarkata Dok. E bl-imghax legali mid-data tal-hrug ta` l-imsemmija fatturi sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra s-socjeta` konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet ta` l-attur pro et noe ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikata legalment is-socjeta` konvenuta jew rapprezentanti taghha naqset u ma deheritx la fis-seduta tas-17 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghha u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur proprio et nomine s-somma kif rikjesta fl-ammont ta` Euro2,473.56c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` kull fattura rispettiva u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza kif rikjesti kontra l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------